MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 2670/1999/1

**C.**

**vs.**

**Dr. Peter Caruana Galizia li b'digriet tal-4 ta' Jannar 2000 gie nominat bhala kuratur deputat ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti A.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Dicembru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Cu A zzewgu fl-14 ta' Lulju 1990.

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment billi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' swat, eccessi,

mohqrija, sevizji w ingurji u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-konjugi m'ghandiex aktar possibbli.

Illi b'digriet tat-22 t'Ottubru 1999 l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandix din il-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li joghgobha tiffissa bhala manteniment ghall-attrici u skond il-modalitajiet li din l-istess Qorti joghgobha tiffissa.

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-istess f'porzjonijiet skond il-ligi.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-**artikoli 48, 51, 52** jew kull artikolu iehor applikabbli skond il-ligi.

5. Tawtorizza l-attrici tirrisjedi fid-dar konjugali u tordna li l-konvenut ghandu jivvaka l-istess.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process inkluzi certifikat immarkat bhala Dok. "A" ta' Dr. Antoine Schembri Wismayer u ittra immarkata bhala Dok. "B".

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' Jannar 2000 fejn Dr Peter Caruana Galizia gie appuntat bhala kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti Christopher Harvey fl-atti tac-citazzjoni, u nota ta' l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia datata 22 ta' Settembru 1999 fejn huwa accetta li jidher bhala kuratur

tal-assenti konvenut (kollox minn fol 10 sa fol. 21 tal-process).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-18 t’April 2000 a fol. 26 tal-process fejn gie eccepit:-

1. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti (**artikolu 741 u 742 Kap 12**) *stante* li l-konvenut huwa domiciljat l-Ingilterra u residenti il-Libya u l-attrici mhiex ta' nazzjonalita’ Maltija u mhiex residenti hawn Malta izda presenti biss fuq *tourist visa.*

2. L-irritwalita` tat-talba ghal mantinment minhabba fil-principju ta' *lis alibis pendens* (**artikolu 792 Kap 12**) *stante* li din it-talba qeghda gia quddiem din il-Qorti fil-proceduri mibdija bic-citazzjoni numru 1518/98/NA differita ghat-22 ta' Mejju 2000.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju:

3. Illi kienet l-attrici stess li tat lok ghas-separazzjoni minhabba l-agir taghha waqt iz-zwieg kif jigi trattat waqt il-kawza.

4. Illi l-ebda ammont m’hu dovut mill-eccipjenti *nomine* lill-attrici bhala manteniment ghal finijiet tat-tieni talba attrici *stante* li:

a) l-istess attrici hija kapaci tahdem u tmantni lilha innifisha kif fil-fatt ilha taghmel ghal dawn l-ahhar xhur u kienet taghmel qabel iz-zwieg;

b) zbankat l-ekwivalenti tas-somma ta' tmien t’elef erba' mija u disa' liri u disa' u tletin centesmi (Lm8,409.39) minn kontijiet bankarji u *credit card accounts* tal-konvenut bejn April u Gunju 1998 u hadet pussess illegali tal-effetti personali ta' valur konsiderevoli tal-eccipjenti *nomine*.

c) iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minhabba f’adulterju ripetut u flagranti a tenur tal-**artiklu 48 (1) (d) Kap 16**;

d) lanqas biss ma gie stabbilit fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla (digriet 22 ta' Ottubru 1999) li l-attrici kien jisthoqqilha manteniment *pendenti lite.*

5. Illi, rigward it-tielet talba, ma tezistix kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *stante* li ma zzewgux f'dan il-pajjiz u ma stabillewx ir-residenza taghhom fih. Ghalhekk m' hemm xejn li ghandu jigi xolt u diviz.

6. Illi, rigward ir-raba' talba, l-artikoli citati mill-attrici ma japplikawx ghall-kaz.

7. Illi rigward il-hames talba, kull proprjeta` tal-eccipjenti hija propjeta partikolari tieghu li hu ghandu bzonn fil-perjodi meta ma jkunx qed jahdem il-Libja.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 28 tal-process.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tat-22 ta' Mejju 2000, 16 t'Ottubru 2000, 9 ta' Jannar 2001 fejn fejn Dr Yana Micallef Stafrace talbet differiment biex tirregola ruhha fir-rigward tat-tieni eccezzjoni preliminari. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari gie miftiehem li Dr Caruana Galizia kellu jipprezenta nota taht il-kondizzjonijiet indikati fil-verbal tad-9 ta' Jannar 2001 a fol. 31 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-21 ta' Frar 2001 ta' Dr Caruana Galizia dwar l-ewwel eccezzjoni minnu sollevata. (fol 32 sa 43).

Rat in-nota tal-**attrici C** tad-19 ta' April 2001 fejn prezentat l-affidavit taghha stess flimkien ma nota ta' osservazzjonijiet u xi dokument minn Dok. “CH 3” sa Dok. “SH 11” (fol 45 sa fol 63).

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-23 t'April 2001 fejn giet trattata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u fir-rigward tat-tieni eccezzjoni l-attrici kellha

tirregola ruhha. Dr Caruana Galizia ddikjara li ma kienx notifikat bin-nota ta’ osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett ostacolo* ghat-22 ta’ Gunju 2001.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Gunju 2001 fejn giet deciza *in parte* u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-13 ta’ Lulju 2001.

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datata 22 ta’ Gunju 2001 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut peress li *inter alia* gie ddikjarat li l-attrici hija residenti Malta w allura din il-Qorti kellha gurisdizzjoni abbazi ta’ **l-artikolu 741 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Rat ir-rikors ta’ Dr Peter Caruana Galizia tas-27 ta’ Gunju 2001 fejn talab li jigi awtorizzat jappella qabel is-sentenza definittiva a tenur tal-**artikolu 229 (3) tal-Kap 12** *stante* li l-punt huwa wiehed ta’ principju u jkun ahjar u gust li l-kwistjoni tingieb quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-13 ta’ Lulju 2001 fejn l-Dr Caruana Galizia talab korrezzjoni tal-artikolu msemmi fir-rikors tieghu tas-27 ta’ Gunju 2001 fis-sens li dan ghandu jinbidel ghall-**artikolu 231** flok **229 (3)**. L-istess Qorti hekk diversament presjeduta ddecretat l-istess rikors billi sostniet li dan huwa punt ta’ dritt u li bhala tali jisthoqlu jigi ezaminat minn Qorti Superjuri anke f’dak l-istadju tal-kawza u dan *stante* n-natura tal-eccezzjoni nnifisha. B’hekk il-permess lill-konvenut *nomine* biex jappella gie moghti lilu kif mitlub u l-kawza giet differita ghat-28 ta’ Novembru 2001 ghall-kontinwazzjoni.

Rat l-atti tal-partijiet quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, mibdija b’rikors ta’ l-appell datat 30 ta’ Lulju 2001 u terminati b’decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell datata 8 ta’ Jannar 2003 (JAF; GCD; GC) fejn sostniet li z-zewg partijiet kienu attwalment prezenti u residenti Malta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk anke l-konvenut

kien prezenti hawn Malta u ghalhekk hija din il-Qorti li ghandha l-kompetenza li tisma' dan il-kaz.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti diversament presjeduta datati 28 ta' Novembru 2001; tal-11 ta' Marzu 2002 fejn din l-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta; u tal-5 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti kif attwalment presejduta nkluzi dawk tal-15 ta' Jannar 2003; tat-28 ta' Jannar 2003; tal-25 ta' Frar 2003; tat-13 ta' Mejju 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 40 jum kull wiehed. Dr Yana Micallef Stafrace talbet li l-provi li ngabru fil-kawza fl-istess ismijiet dwar manteniment Cit. Nru. 1518/98/RCP u li tinsab differita ghat-3 ta' Gunju 2003 ghandhom jghoddu bhala provi f'din il-kawza. Dr Peter Caruana Galizia ma opponix. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr Kenneth Gulia w ordnatlu li jzomm zewg seduti fil-mori ta' dan id-differiment ghall-provi kollha tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet qed jigu minn dak inhar iddikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-20 ta' Novembru 2003.

Rat in-nota tal-attrici **C** tal-11 ta' Gunju 2003 fejn prezentat l-affidavit taghha stess u numru ta' dokumenti (fol 122 sa 297).

Rat d-dokumenti kollha esebiti ma' l-istess affidavit inkluz ic-certifikat taz-zwieg (Dok. "ST 1"); il-karta ta' l-identita' ta' l-attrici mmarkat bhala "Dok. "ST 2"; siltiet mill-ittri li l-konvenut baghat lill-attrici meta kien jahdem barra minn Malta immarkati bhala Dok. "ST 3" liema siltiet jinkludu dawk mill-ittri li l-konvenut kiteb lill-attrici datati 15 ta' Dicembru 1989, 22 ta' Dicembru 1989; 25 ta' Marzu 1990; 3 ta' April 1990; 12 ta' April 1990; l-1 ta' Gunju 1990; 9 ta' Lulju 1990; 7 ta' Awissu 1990; 10 ta' Awissu 1990; 17 ta' Awissu 1990; 24 ta' Ottubru 1990; 2 ta' Jannar 1991; 15 ta' Jannar 1991; 3 ta' April 1991; 5 ta' April 1991; 14 ta' April 1991; 18 ta' April 1991; 24 ta' Gunju 1991; 3 ta' Lulju 1991; 20 ta' Awissu 1991; 9 ta' Settembru 1991; 31 ta'

Ottubru 1991; 5 ta' Novembru 1991; 11 ta' Novembru 1991; 27 ta' Novembru 1991 u diversi siltiet ohra b'kollox 143 silta sad-data ta' l-ahhar ittra datata 4 ta' Gunju 1998; ittri datati 15 ta' Dicembru 1989 minn Dok. "ST 3A" datata 15 ta' Dicembru 1989 sa' Dok. "ST 3 M" minn fol. 141 sa' fol. 209 tal-process.

Rat id-Dok. "ST 4" fejn hemm indikati t-titjiriet ta' l-attrici barra minn Malta inkluz ghall-IVF *treatment* u ukoll ghall-prospetta adozzjoni; Dok. "ST 5a" sa Dok. "ST 5c" u Dok. "ST 6" kopja tal-passaport ta' l-attrici; kopja ta' rapport indikat bhala *Adoption Home Study* datat 28 ta' Frar 1996 u mmarkat bhala Dok. "ST 7" iffirmat minn Celine Angelone bhala *social worker* mid-Divizjoni tal-Familja w Affarijiet Socjali – fol 224; Dok. "ST 8" applikazzjoni ta' proprjeta` minn persuna mhux residenti Malta datata 8 ta' Marzu 1990 – fol. 231 sa fol. 233; kopja ta' dokumenti bankarji minn Dok. "DIV 1", Dok. "DIV 2"; Dok. "DIV 3"; Dok. "DIV 3a" sa Dok. "DIV 3c"; Dok. "Div 4" sa Dok. "Div. 4 e"; prokura maghmula mill-konvenut favur Maurice Boucier u kontro-senjata mill-Avukat Dr. Peter Caruana Galizia datata 27 ta' Dicembru 1996 - Dok. "DIV 5" – fol. 246; Dok. "DIV 6" - fol. 247 dokument datat 1 ta' Novembru 1990 fejn gew trasportati oggetti mill-Ingilterra ghall-Malta; Assigurazzjoni minn Formosa & Camilleri datat 11 ta' Frar 1991 ghat-trasport ta' oggetti lejn Malta – Dok. "DIV 6a" u inventarju hemm anness a fol. 252 sa fol. 253 tal-process; Dok. "DIV 7 A" sa Dok. "DIV 7 G" akkwist ta' oggetti hawn Malta; Dok. "DIV 8" *cheque* favur Dr. R. Zammit Pace; Dok. "DIV 9" – kuntratt datat 23 ta' Lulju 1990 ghall-akkwist tal-fond numru sebgha (7) Busewdien Road, Wardija minghand Dr. Rene` Frendo Randon ghall-prezz ta' wiehe u ghoxrin elf lira Maltin (Lm21,000); Dok. "DIV 9 A" – self ta' ghoxri elf lira Maltin (Lm20,000) maghmul favur l-attur mill-Bank of Valletta Limted ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) datat 6 ta' Lulju 1990; Dok. "DIV 9B" – kundizzjonijiet tas-self mill-bank datat 31 ta' Mejju 1990; Dok. "DIV 9C" sa Dok. "DIV 9G" kont numru 119 – 0610702 – 5 f'dollari amerikani; Dok. "DIV 10" reklam tad-Dhalia; Dok. "DIV 11A" u – "DIV 11C" pagament ghall-boat 5260 datati 15 ta' Marzu 1997, 29 ta' Mejju, 4 ta' Gunju 1997; Dok. "DIV 12A" u Dok. "DIV 12B"

– Mazda 121 Reg. No. X – 3120; Dok. “Div 13 A” sa Dok. “Div 13J” depositi bankarji f’isem iz-zewg partijiet *tramite* l-Bank of Valletta Limited; Dok. “DIV 14 sa Dok. “DIV 14 A”; Dok. Div “15” – Dok. “Div 15A” sa Dok. “Div 15 B’ – Bank of Valletta International; Dok. “Div 16 A” sa Dok. Div 16 C”; Dok. “Div. 17 – fol. 296.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia fis-7 ta’ Lulju 2003; tat-23 ta’ Lulju 2003 fejn ma sar xejn u tat-23 t’Ottubru 2003 fejn xehed **Paul Gambina**.

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-27 ta’ Ottubru 2003 fejn talab li l-affidavit attrici jigi prezentat bil-lingwa Ingliza u li jinghata izjed zmien biex jipproduci l-affidavit tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Ottubru 2003 fejn laqghet l-ewwel talba w t-tieni talba u tat terminu ta’ 40 jum biex il-konvenut jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-20 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti ordnat li tinzamm l-ahhar seduta ghall-provi attrici fil-25 ta' Novembru 2003 u 3 ta' Dicembru 2003 u wara tali seduti, l-provi attrici qed jigu dikjarati maghluqa. Dr Yana Micallef Stafrace *invista* tar-rikors tal-konvenut *nomine* sabiex l-affidavit ta' l-attrici jigi tradott ghall-Ingliz *stante* li r-rapprezentant tieghu ma jifhimx bl-Ingliz, in vista wkoll ta' l-istess talba taghha tal-proceduri jsiru bl-Ingliz *stante* l-konjugi huma *English Speaking*, terga' titlob li l-proceduri jsiru bl-Ingliz minn issa 'l quddiem filwaqt li tintrabat li taghmel *translation* ta' l-istess affidavit. Il-Qorti laqghet it-talba u tordna li mill-lum il-quddiem il-proceduri jitkomplew bl-Ingliz. *The Court ordered the plaintiff to submit a translation of her affidavits in English within 15 days from today and to notify all documents to the defendant. The Court ordered the judicial assistant, to hold a further four sittings by the end of February 2004 for the conclusion of all the evidence produced by the defendant, and a further two sittings for relative cross-examination, up to the end of April 2004. Case was adjourned for the 8th of June 2004 for final submissions.*

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia fil-25 ta' Novembru 2003 fejn xehed il-**Prokuratur Legali Joseph Zammit** ghan-nom tal-Bank of Valletta plc. u esebixxa d-dokumenti in konnessjoni ma' l-i*statements* tal-kontijiet 119 4146 901 – 6 u kont numru 141 – 0165301 – 2 (fol 315 sa 316); tat-3 ta' Dicembru 2003 fejn xehdu **Mary Aquilina**, **Laura Lejman** u **Paul Gambina** u l-ahhar xhud esebixxa r-rendikont tal-kontijiet f'dollari amerikani Numru 11906107025, kontijiet numri 119/7610702 – Dok. "PG 1"; Kont Numru 774821597 (llum 11906107012 f'liri sterlini – Dok. "PG 2" (fol 320 sa 327); kontijiet tas-self – Dok. "PG 3" li gie mhallas fit-28 ta' Settembru 1995 u *Foreign Currency Account* Numru 40012608515 li nfetah fis-6 ta' Gunju 2003 f'isem il-konvenut fl-ammont ta' mija u tmienja u disghin lira Maltin (Lm198) kollha BOVI u cjoe' li tali kontijiet mhux ta' cittadini Maltin.

Rat in-nota tal-attrici **Catharine Harvey** tat-3 ta' Dicembru 2003 fejn prezentat l-affidavit taghha stess bil-lingwa Ingliza (fol 329 sa 539). Esebit ukoll id-dokumenti kollha fuq indikati bhal dak ma' l-affidavit taghha originali.

Rat in-nota tas-27 ta' Frar 2004 fejn esebiet ir-rapport ta' **Dr Antoine Schembri Wismayer** datat 25 ta' Frar 2004 (fol 549 sa 555).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia fid-9 ta' Marzu 2004 fejn ma sar xejn; fis-27 ta' Frar 2004 fejn xehdu **Albert Fenech**, **Jeni Caruana**; fit-23 ta' Marzu 2004 fejn xehdu **C**, **Dr Eurydice Kovacs**, **Andrew Harvey;** tat-13 ta' Mejju 2004 fejn xehdu **John Refalo** u Dr Peter Caruana Galiza ghall-konvenut ipprezenta l-affidavits ta' **Vivienne Refalo, Sylvia Hopper, A** u xi dokumenti minn Dok. "A" sa Dok. "D" fejn fl-istess dokumenti hemm indikat ukoll l-lista shiha ta' oggetti li l-konvenut jallega li l-attrici hadet mid-dar taghhom, inkluz l-ammont ta' disa' t'telef u tlett mitt lira Maltin (Lm9,300) u dok. "E" (fol 588 sa 617).

Rat il-verbal tat-8 ta' Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghat-23 ta' Novembru 2004.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia fit-12 ta' Lulju 2004 fejn xehdu **Paul Borg** mill-Bank of Valletta International li kkonferma li l-bank fetah biss *non-residents accounts* u dan abbazi ta' dikjarazzjoni tal-konvenut assenti datata 18 ta' Marzu 1997 u esebixxa dokumenti "PB 1" sa PB 7" **Andrew Harvey**.

Rat in-nota tal-attrici tas-16 ta' Lulju 2004 fejn prezentat l-affidavit **Jeni Caruana** (fol 638 sa 639).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia fid-19 ta' Lulju 2004 fejn xehdu **Paul Borg**, **Bernard Bonnici** u **Andrew Harvey** (fol 641 sa 645); tas-27 ta' Settembru 2004 fejn xehed is-**Surgent Mark Sultana**.

Rat ir-rikors tal-konvenut tad-29 ta' Settembru 2004 fejn talab li jsiru tlett seduti ohra quddiem l-Assistent Gudizzjarju u d-digriet tal-Qorti tal-1 t'Ottubru 2004 decretat mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-attrici tad-19 ta' Novembru 2004 fejn esebiet xi dokumenti fol 664 sa 675.

Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-27 ta' April 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia fit-3 ta' Dicembru 2004 fejn xehdu **PS1419 Mark Sultana**, u **C**; tat-2 ta' Frar 2005 fejn xehdet **Catherina Harvey** u prezentat xi dokumenti (fol 690 sa 699).

Rat in-nota tal-konvenut tal-1 ta' Marzu 2005 fejn prezenta dokument (fol 701).

Rat il-verbal tas-27 t'April 2005 fejn *"the parties agreed that there should be a decision on the first plea. The defendant lawyers agree that there should be a decision*

*on the fifth plea raised by the defendant a fol. 26/27. The parties agreed that today their marriage had been dissolved by a divorce decree. The plaintiff is not demanding any maintenance. Dr Peter Caruana Galizia asked permission to present a written submission in support of his fifth plea. The Court granted the defendant to present a note of submission so limited within 10 days from today to be served on the other party, the plaintiff lawyer has 10 days to file her note of submission. The case was deferred for judgement on this plea to 27th October 2005.*

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut tal-4 ta' Lulju 2005.

Rat in-nota ta' C tas-7 ta' Settembru 2004 fejn prezentat xi dokumenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' C tas-7 ta' Settembru 2004.

Rat in-nota tal-attrici tal-14 ta' Settembru 2005.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti fejn il-kawza giet rikjamata ghat-12 ta'Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2005 fejn dehret l-attrici u d-difensur taghha Dr. Yana Micallef Stafrace u l-konvenut Dr. Peter Caruana Galizija *nomine* li taw ruhhom notifikati bil-mozzjoni tar-rikjam tal-kawza ghal dak inhar stess tas-seduta. Il-Qorti *in vista* tad-digriet moghti fl-ahhar seduta ddikjarat li hija qed taghti d-direzzjoni taghha li ser taghti d-decizjoni taghha fuq t-talbiet attrici kollha u dan wara li tiehu in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut *nomine.*

Illi fil-fatt gie verbalizzat is-segwenti fl-istess seduta u cjoe' *"the parties present declared themselves notified with the motion to bring forward the law suit to today date. The Court with reference to the last decree given in the last hearing directs that the Court wants to give a final judgement on all pending claims, and all defence pleas.*

*In this sense the orders given by virtue of the decree dated 27th April 2005 are hereby altered or amended accordingly. Dr Yana Micallef Stafrace submits that there should be a valuation on the immovables (Wardija residence). The Court suspends the case for judgement and nominates AIC Mario Cassar to make a valuation of the said immovables. Expenses of the said valuation to be paid by both parties. Dr Peter Caruana Galizia explained that he has no contact for the moment and and it will not be possible for him to give access to the architect for the same premises since he has no keys of the said house. Case adjourned for the 27th October 2005 for the presentation of the said architect's report".*

Rat il-verbal tas-27 ta' Ottubru 2005 fejn deher il-Perit Tekniku Mario Cassar u Dr Yana Micallef Stafrace ghall-attrici prezenti. Dr Peter Caruana Galizia msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-Perit Tekniku nforma lill-Qorti li pprezenta ir-rapport u li l-kontijiet intbaghtu pero` ghad jonqsu li jithallas. Il-kawza giet differita ghall-hlas u konferma tar-rapport ghall-10 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2005 fejn dehret l-attrici assistita minn Dr. Yana Micallef Stafrace u Dr. Peter Caruana Galizia *nomine*. Deher ukoll il-Perit Tekniku Mario Cassar li halef ir-rappport. Id-difensuri rremettew ruhhom ghar-rapport u ghall-provi kollha prodotti u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza fuq it-talbiet kollha tac-citazzjoni attrici li ghadhom validi u l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut *nomine* ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat l-istima tal-fond immobbli redatta mill-Perit Tekniku Mario Cassar u minnu mahlufa fl-10 ta' Novembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-attrici pprezentat il-kawza odjerna sabiex tottjeni s-separazzjoni minn zewgha. Il-partijiet ma humiex cittadini Maltin u fil-fatt l-attrici hija ta' nazzjonalita` Olandiza u l-konvenut zewgha huwa ta' nazzjonalita` Ngliza u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet ma humiex ta' nazzjonalita` Maltija.

Illi pero` jirrizulta li l-konvenut ghalkemm twieled l-Ingilterra fit-30 ta' Mejju 1957, anke qabel ma' zzewweg kien jghix Malta almenu fis-sena 1967 mal-genituri tieghu, izda wara li miet missieru mar lura l-Ingilterra ghall-habta tas-sena 1971. Illi huwa sab xoghol il-Libja fejn jidher li ghadu jahdem sallum u kien jigi joqghod Malta meta ma kienx xoghol u fil-fatt kien hawn li ltaqa' ma' l-attrici fis-sena 1988 u dwar dan ma hemm l-ebda dubju li hemm qbil bejn il-partijiet.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet izzewgu l-Ingilterra fl-14 ta' Gunju 1990 izda mill-ewwel xtraw proprjeta` hawn Malta kif jirrizulta mill-kuntratt ta' akkwist datat 23 ta' Lulju 1990, liema proprjeta` nxtrat minghand l-Avukat Dr. Rene` Frendo Randon.

Illi minn ezami tal-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju lanqas li minn dak inhar sallum l-istess attrici dejjem ghexet hawn Malta, u fil-fatt illum tahdem hawn Malta wkoll, tant li anke minhabba din ir-raguni l-istess attrici rrinunzjat ghat-talba taghha ta' manteniment. Fil-fatt meta l-istess partijiet kienu flimkien l-attrici ma kienitx tahdem u kienet tiddependi minn dak li jaqla' l-konvenut assenti; minn mindu l-partijiet isseparaw fattwalment u dan b'effett minn Mejju jew Gunju 1998, jidher li l-attrici kellha tfendi ghal rasha u llum ottjeniet karta ta' identita` w anke tahdem regolarment hawn Malta; hija b'insistenza tikkontendi li dejjem riedet tghix hawn Malta, u fil-fatt dejjem ghexet hawn Malta, u din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-istess attrici dejjem ghexet hawn Malta, u l-hajja taghha hija kompletament marbuta ma' Malta, kif ix-xhieda kollha prodotti kollha kkonfermaw u fil-fatt minkejja li telqet mid-dar konjugali hija llum ghadha qed tghix hawn Malta u huwa ammess minnha li hija llum tghix ma' persuna ta' nazzjonalita` Maltija. Fil-fatt dan jinsab

ikkonfermat mill-fatt li hija marret l-Olanda biss drabtejn fis-sena 1992 u 1991 u qatt ma marret izjed l-hemm u ma jidher minn imkien li hija kellha xi intenzjoni li terga' b'xi mod tirritorna f'dak il-pajjiz, anke peress li jirrizulta li l-istess attrici kienet konsistenti fis-sens li allegat abbuz addirittura mill-familja taghha. Apparti dan jidher Ii ezatt wara z-zwieg l-istess attrici gabet l-ghamara kollha taghha mill-Olanda via l-Ingilterra kif jirrizulta mid-dokumenti relattivi fuq indikati, inkluzi dawk a fol. 247 sa 253 tal-process. Barra minn dan l-istess atttrici ma ghandha l-ebda proprjeta` barra minn Malta u lanqas kontijiet gewwa l-Olanda, jew f'xi pajjizi ohra – u hawn ghall-mument wiehed mhux qed jirreferi ghall-kontijiet bankarji li gew miftuha mill-konvenut wara z-zwieg. Fil-fatt mill-kumpless ta' provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li fil-kaz ta' l-attrici hija dejjem irresediet hawn Malta, u mkien iehor, hlief meta marret barra minn Malta ghal btala, jew ghar-ragunijiet medici. Fil-fatt il-hajja ta' l-attrici, kienet x'kienet ghall-mument dejjem kien centrata hawn Malta, u dan japplika kemm ghall-hajja socjali taghha u kif ukoll ghall-hajja lavorativa taghha u fuq kollox ma hemm l-ebda dubju li wara dan iz-zmien kollu, l-istess attrici dejjem ikkunsidrat hawn Malta bhala r-residenza u l-immobbli li qabel kienet tokkupa bhala d-dar matrimonjali taghha, u kienet hija stess li wara z-zwieg hadet hsieb li tirranga l-istess dar immobbi fejn il-koppja kienet tghix flimkien, u li llum hija l-parti kontestata ta' din il-kawza.

Illi f'dan il-kuntest u fid-dawl tac-citazzjoni attrici din il-Qorti tinnota li *pendente lite* l-partijiet ottjenew id-divorzju taz-zwieg taghhom li sar fl-Ingilterra permezz ta' digriet mill-*Stafford County Court* datat 17 ta' Frar 2005 u dan kif jirrizulta minn fol. 701 tal-process.

Illi dan ovvjament jaffettwa l-ewwel talba ghas-separazzjoni bonarja nkwantu ma hemmx lok li tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet *stante* li llum ma hemmx zwieg bejn il-partijiet; pero` din il-Qorti, anke minhabba l-kwistjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti thoss li ghandha tidhol fuq il-bazi ghaliex l-istess partijiet waslu sabiex jisseparaw fattwalment, u dan peress li din jista' jkollha effett jekk jigi deciz li ghal dan il-kaz japplika

r-regim tal-komunjoni ta’ l-akwisti. Fil-fatt il-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet illum hija proprju din, peress li l-konvenut assenti jghid li ma tapplikax bejn il-partijiet ir-regim tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, filwaqt li min-naha l-ohra l-attrici ssostni li din tapplika ghaliex il-partijiet kienu u ghadhom effettivament domiciljati Malta; hawn il-kwistjoni tal-likwidazzjoni ta’ l-istess, jekk tali regim japplika jistghu jigu affettwati bid-disposizzjonijet appositi tal-Kodici Civili inkluz l-**artikolu 48.**

Illi fil-fatt fl-ewwel talba attrici tirrigwarda dikjarazzjoni ghal separazzjoni. Fit-tielet talba taghha l-attrici talbet ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut eccepixxa fil-hames eccezzjoni tieghu li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ma tezistix *stante* li l-partijiet ma zzewgux f’dan il-pajjiz u ma stabbilewx ir-residenza taghhom fih. B’hekk m’hemm xejn li ghandu jigi xolt u diviz.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti sejra tikkonsidra r-raguni tas-separazzjoni bejn il-partijiet fejn l-attrici, li hi ta’ nazzjonalita` Olandiza, spjegat kif iltaqghet mal-konvenut. Hija xehdet li gejja minn familja bi problemi kbar fosthom problemi ta’ abbuz anki fil-konfront taghha minn ommha u t-tieni ragel t’ommha. Hija sa anki kkonsultat psikjatra u psikologu minhabba l-problemi li kellha d-dar u l-allegat abbuz min-naha ta’ zewgha. Hija spjegat li wara ftit jiem li zzewgu l-Ingilterra, hi u zewgha gew joqghodu f’Malta. Huwa kien jahdem b’roster ta’ ammont ta’ gimghat il-Libja u l-istess ammont ta’ gimghat ma jkunx xoghol u allura kien jigi Malta. Hija allegat li zewgha kien isawwatha u dan kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg. Huwa gieli abbuza minnha sesswalment. Hija tallega wkoll li huwa ghandu problema kbira bl-alcohol. Hija marret tkellem lill-psikologu Dr Antoine Schembri Wismayer fi Frar 1998 li ghena tirrealizza li hi ma kellhiex ghalfejn issofri l-abbuzi. Hija b’hekk f’Mejju/Gunju 1998 telqet mid-dar u hadet il-flus mill-*joint account* taghhom.

Illi in kontro-ezami hija ammettiet li qabel id-9 ta’ Dicembru 1999 hija kellha relazzjoni ma’ certu Joseph Busuttil. Hi spjegat li f’Novembru 1994 kienet talbet lil zewgha ghal divorzju fl-Ingilterra izda huwa allegatament

hedded li joqtolha. Hija baqghet mieghu biss skond hija ghaliex bezghet minnu, izda xorta wahda riedet li titilqu minhabba l-agir abbuziv tieghu fil-konfront taghha u f'ahhar hija tghid li ma felhitx iktar tghix ma' l-istess konvenut, mhedda kif kienet, u wara li giet anke certifikata li ssofri *inter alia* minn *Battered Woman Syndrome* (certifikat ta' Dr. Antoine Schembri Wismayer a fol. 550 tal-process) hija telqet mid-dar f'Mejju/Gunju 1998. Hija llum tghix ma' persuna ohra u tammetti li kellha relazzjoni ma' l-istess persuna.

Illi x-xhieda mressqa mill-attrici **Laura Lajman** xehdet li *"drinking problem was obvious to me."* Hija qalet li kienet tarah fis-sakra regolarment (a fol.325 tal-process) u **Jeni Caruana** xehdet dwar episodju fejn il-konvenut agixxa b'mod aggressiv. Fil-fatt ix-xhieda ta' din ta' l-ahhar tirreferi ghall-diversi atti ta' vjolenza kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu u wkoll tispjega li l-istess konvenut kellu problema ta' xorb – problema li *in verita`* huwa jirreferi ghaliha fid-diversi ittri li huwa stess baghat lill-attrici u li din il-Qorti rat wahda wahda, u dan apparti l-kwotazzjoni ta' diversi brani mill-istess ittri esebiti bhala tali mill-attrici, fejn l-istess konvenut jammetti din il-problema u wkoll jammetti li ma kienx korrett fl-agir tieghu ma' l-attrici u din it-tema tirrikorri fl-ittri kollha ta' l-istess konvenut, fejn dejjem iwieghed lill-martu l-attrici li kien ser jibqa' jagixxi ahjar maghha, u din ir-riferenza saret fil-maggoranza ta' 143 silta citati mill-attrici, siltiet li jistghu jigi verifikati minn numru kbir ta' ittri tal-konvenut assenti lill-attrici esebiti mill-attrici ma' l-affidavit taghha, kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliz, kollha ittri miktuba mill-istess konvenut u bil-kalgrafija tieghu.

Illi minkejja dan kollu l-konvenut min-naha tieghu cahad l-allegazzjonijiet ta' martu. Huwa xehed li martu kienet tikkunsidrah li ghandu problema ta' xorb u ghalhekk l-ahhar sentejn u nofs li kienu flimkien ma xorob xejn. Huwa xehed ukoll li wara li martu kellha relazzjoni ma' Joseph Busuttil huma kienu rrikonciljaw (a fol. 584 tal-process), relazzjoni li fuq kollox l-istess attrici ammettiet.

Illi dwar l-allegazzjoni ta’ swat huwa rrisponda fin-negattiv u xehed *“I smacked her on the bottom once at Marsascala.”* Huwa jallega li martu kellha diversi relazzjonijiet ma’ diversi rgiel f’Malta. Huwa jghid li pprova jahfrilha u pprova jissapportiha. Meta hi telqet id-dar hallitielu vojta ghax garritlu kollox. Wara li telqet mid-dar rawha fil-pubbliku ma’ diversi rgiel li skond hu tkun qeghda f’relazzjoni maghhom. Illi in kontro-ezami xehed rigward ix-xorb li huwa waqaf *“to prove a point”* (a fol.644 tal-process).

Illi x-xhud **Vivienne Refalo** xehdet li l-konvenut kien generuz ma’ martu. Hija ddeskriviet lill-attrici bhala mara li tirreferi fi kliemha l-hin kollu ghas-sess u ghas-sesswalita` taghha. Hija rrakkontat diversi episodji fejn tallega li l-attrici kellha kunfidenzi ma’ rgiel ohra. Apparti ghar-relazzjoni ma’ Joe Busuttil ix-xhud allegat li l-attrici kellha relazzjonijiet ma’ rgiel ohra. **Sylvia Hopper** ikkoroborat ma’ tali xhieda.

Illi mill-provi u mid-dokumenti prodotti jirrizulta li bejn din il-koppja kien hemm diversi problemi li kkontribwew ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Fl-ewwel lok, il-fatt li ghal gimghat shah il-konvenut kien jahdem il-Libja zgur li ma ghenitx is-sitwazzjoni. L-attrici allegat u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, irnexxielha tipprova, li l-konvenut kellu problema ta’ xorb. Dan mhux biss permezz ta’ xhieda izda mill-ittri li kien jibghat huwa stess u hawn il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess ittri. Inoltre’ skond ir-rapport psikologu *ex parte* (a fol.550 tal-process) Dr. Antoine Schembri Wismayer ikkonstata bla ebda dubju li l-attrici *“was displaying symptoms consistent with the Battered Woman Syndrome commonly found amongst victims of domestic violence”* (a fol.554 tal-process). L-ebda kontro-ezami ta’ dan l-xhud ma’ sar mill-konvenut.

Illi f’dan is-sens din il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda prodotti mill-attrici f’dan ir-rigward, xhieda li huma wkoll girien ta’ l-attrici u l-konvenut assenti; xhieda li kkonfermaw it-tezi ta’ l-attrici dwar l-aggressivita` u x-xorb tal-konvenut; dan apparti l-ittri tieghu stess li ma semma’ xejn dwarhom ittri li konsistentement jammettu l-istess

difetti tieghu ghal snin shah, sahanistra qabel iz-zwieg u dan sakemm l-istess konvenut baqa' jikteb lill-attrici almenu sa Gunju 1998.

Illi min-naha l-ohra l-attrici nnifisha ammettiet li hi kkommettiet adulterju u ghalkemm wara rrikonciljaw jirrizulta mix-xhieda fuq imsemmija ta' Vivienne Refalo u Sylvia Hopper li l-attrici gieli harget ma' rgiel ohra meta zewgha kien ikun il-Libja. Ovvjament, il-passat difficli taghha ta' abbuz li sofiet meta kienet tghix m'ommha wkoll m'ghenietx. F'dan il-process irrizulta li dawk il-persuni nkluzi certi girien ta' l-istess li sejhu lilhom infushom hbieb tal-partijiet ghazlu biex jixdhu favur parti jew ohra, anke skond il-lejaltajiet taghhom, izda xorta wahda minn dan kollu jirrizulta li l-istess xhieda rispettivi ta' naha u ta' ohra ikkonfermaw rispettivament u *in parte* it-tezi ta' kull parti f'din il-kawza; jidher li l-kuratur deputat tal-konvenut assenti kien ukoll habib ta' l-istess partijiet u ta' l-istess konvenut, kif jidher almenu mix-xhieda ta' l-attrici, tant li fl-affidavit taghha ssostni li kien hemm diversi hbieb li kienu jmorru d-dar taghhom *"fost dawn kien hemm l-istess Avukat Peter Caruana Galizia u martu Daphne"* (fol. 123) izda xhieda bhala tali ma inghatatx mill-istess kuratur deputat.

Illi tenut kont ta' dan kollu, u wara li din il-Qorti ezaminat fid-dettal il-provi kollha prodotti, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li ghalhekk mill-kumpless tal-provi ma' hemm l-ebda dubju li z-zewg partijiet kienu responsabbli ghal din il-firda personali, l-konvenut ghaliex huwa kien hati *verso* l-attrici ta' swat, eccessi, sevizzi u mohqrija anke naxxenti mill-vizzju tieghu tax-xorb li kien irrendieh aggressiv u abbusiv *verso* l-attrici u l-attrici kienet ukoll responsabbli ghal din il-firda peress li hija kkomettiet adulterju; fil-fatt illum hija ghandha relazzjoni ma' terza persuna, kif jidher u jirrizulta li llum l-istess konvenut ghandu relazzjoni ma' mara ohra, relazzjoni li sehhet wara li l-partijiet kienu separati *de facto*.

Illi dwar it-tieni talba ghall-hlas ta' manteniment jirrizulta li l-attrici rrinunzjat ghal tali talba, anke ghaliex hija tahdem izda din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti f'kull kaz kellu

jigi applikat kontra l-partjiet id-disposizzjoni apposita dwar manteniment ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16,** b'dan li kull parti ddekadiet mid-dritt ta' manteniment kontra l-parti l-ohra.

Illi it-tielet talba u l-iktar talba krucjali f'dawn il-proceduri hija proprju t-tielet talba fejn l-istess attrici qed titlob u ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet; dwar dan il-konvenut jghid li l-istess partijiet izzewgu barra minn Malta, fl-Ingilterra u ghalhekk l-istitut tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma japplikax; jghid ukoll Ii ghalkemm huwa ghandu proprjeta` mmobbli hawn Malta, l-koppja qatt ma kellha intenzjoni li tistabbilixxi d-domiclju taghha hawn Malta, u xtara proprjeta` hawn Malta biss ghaliex huwa kien jahdem il-Libja w allura Malta kienet transit *point* tajjeb ghalih; b'hekk jghid li japplika ghall-proprjeta` minnu akkwistata r-regim tas-separzzjoni tal-beni fis-sens li kull proprjeta` li huwa akkwista anke wara z-zwieg bl-introjtu tieghu kienet u baqghet tieghu u tieghu biss.

Illi l-**artikolu 1316 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** jirregola din is-sitwazzjoni u dan jipprovdi li:-

*"(1) Iz-zwieg li jsir f'Malta igib ipso jure bejn il-mizzewgin, il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'ohra b'att pubbliku.*

*(2) Iz-zwieg li jsir barra minn Malta min-nies li, wara jigu joqoghdu f'Malta, igib ukoll bejniethom il-komunjoni ta' l-akkwisti, ghal dawk il-beni li huma jakkwistaw wara li jaslu f'Malta."*

Illi fis-sentenza **"Rita Charker vs Charles Brincat"** (P.A. (A.M.) 30 ta' Ottubru 1952) dan l-artikolu gie nterpretat fis-sens:-

*"Illi d-dispozizzjoni kontenuta fl-art.1360 [1316] Kodici Civili, kif kostantement interpretata, hija applikabbli biss fil-kaz ta' zwieg li jkun sar f'dawn il-Gzejjer bejn Maltin, u fil-kaz ta' zwieg anki bejn persuni mhux Maltin, li pero` jkunu domiciljati f'dawn il-Gzejjer (Kollez. XXIX-II-942); bil-konsegwenza li f'kull kaz iehor il-prezunzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti kontemplata fl-artikolu fuq citat ma titwieledx 'ipso jure', izda, biex ikun hemm din il-komunjoni, jehtieg li jkun hemm stipulazzjoni espressa".*

Illi l-kliem *"wara li jigu joqoghdu f"Malta"* u bl-ingliz *"who subsequently establish themselves in Malta"* gie ekwiparat in linja generali mal-kuncett ta' domicilju u f'dan is-sens

giet sewgita l-interpretazzjoni skond il-Ligi Ingliza ta' dan il-kuncett. F'dan il-kuntest allura wiehed irid jara s-sinifikat ta' domicilju.

Illi fis-sentenza **"Loreto Camilleri vs Avv. Dr G Degiorgio et"** (P.A. (V.A.C) 16 ta' Marzu 1949) inghad:-
*"Illi skond l-awtoritajiet 'in subjecta materia', il-koncett tal-kelma 'domicilju' huwa legali, mentri dak tar-'residenza' huwa 'di fatto' u materjali (ara Dicey, Conflict of Laws). Infatti, mentri taht 'residenza' jidhlu c-cirkustanzi 'di fatto' tad-dimora materjali f'post, fl-espressjoni 'domicilju' ma jidholx biss it-trasport materjali, imma l-'animus' li jkun irid jippersisti fil-bniedem li jabbanduna l-post ta' l-origini sabiex imur joqghod band'ohra –animu li jkun jista' jidher mill-kumpless tal-fattijiet u cirkostanzi (ara Vol. VII pag.139, Prim'Awla Civili 23 ta' Gunju 1874, in re* ***'Francesco Formosa vs Gio Antonio Caruana'*** *u Law Reports, Vol. XVII.pag.98, Commercial Court in re* ***'Firmara vs Newly'*** *27th November, 1900."*

Illi l-istess Qorti spjegat x'inhuma r-regoli fil-kwistjoni tad-domicilju senjatament:-

1. *"Li kull persuna jrid ikollha xi domicilju, u ghal din ir-raguni kull persuna ghandha d-domicilju malli titwieled, li huwa msejjah id-domicilju ta' l-origini ('domicil of origin'), li ma jista' qatt jigi abbandunat, imma biss pozittivament soppjantat favur ta' domicilju tal-ghazla ('domicil of choice') (ara Volum. XXVII, Parte II, pagina 350, Kummerc, 6 ta' Marzu 1928, in re 'Coleiro vs Parnis et'); u*
*2. L-ebda persuna ma jista' jkollha aktar minn domicilju wiehed simultaneament."*

Illi fis-sentenza **"Carmelo Grech vs P.L. Joseph Busuttil noe"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1953) l-Onorabbli Qorti tal-Appell tenniet li:-

*"…t-tibdil ta' domicilju ghandu jigi pruvat minn min jinvokah, u jista' jirrizulta sew minn provi diretti kemm minn kongetturi, purkè precizi u konkludenti. 'Il cambiamento del domicilio', qalet din il-Qorti fil-kawza* ***'Achille D'Agata vs Marchesa Luisa Drago'***, *deciza fis-*

*16 ta' Gunju 1884 (Kollez, X, 517), 'deve risultare o di una espressa dichiarazione di animo di una persona di voler abbandonare 'l suo domicilio di origine ed abbracciare un altro, o, in difetto, dalla concorrenza di fatti tali da manifestare la sua volonta` di effettuare tale cambiamento'. Mhux bizzejjed it-tibdil tar-residenza, izda hija mehtiega wkoll il-volonta` u l-intenzjoni li jkun abbandunat id-domicilju originali biex jigi assunt domicilju f'pajjiz iehor."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"J. Mifsud Bonnici M.B.E. noe vs Avv Dr G. Degaetano et noe"** (P.A. (J.C.C.) 17 ta' Novembru 1959) gie spjegat li kwantu ghad-domicilju mhux bizzejjed li wiehed ikun siefer, anki flimkien mal-familja tieghu, biex jista' jinghad li hu biddel id-domicilju tieghu. Dan billi huwa maghruf li mhux bizzejjed il-qaghad twil f'pajjiz barrani ghal motivi ta' kummerc jew xoghol, anki jekk ikun ha mieghu l-familja, imma jehtieg li jirrizulta bi provi precizi u konkludenti li hu ma ghandu ebda ntenzjoni li jirritorna.

Illi fis-sentenza **"Lucia sive Lucy Mamo vs Anthony sive Tony Mamo et"** (A.C. (JSP-JAF-AM) 28 ta' April 1998) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet:-

*"L-ewwelnett ghandu jinghad li hemm presunzjoni favur il-kontinwazzjoni ta' domicilju ezistenti…b'mod li l-oneri tal-prova ta' kambjament ta' domicilju (fil-kaz in ispecje ghal dak Malti) jiggrava dejjem fuq min jallega l-bidla…, u Cheshire jghid : 'the presumption may have a decisive effect, for if the evidence is so conflicting or indeterminate that it is impossible to elicit with certainty what the resident's intention is, the court will decide in favour of the existing domicile' (Private International Law, 9th edition, 1974, p.168). Ghalhekk biex tigi skalzata l-imsemmija presunzjoni jehtieg li l-konvenuti nomine jippruvaw on a balance of probabilities (li hu l-istandard ta' prova rikjest) li din il-bidla ta' domicilju fil-fatt grat" (**Saviour Chircop et vs Avukat Dr Renè Frendo Randon nomine**, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 1979);"*

Illi ghal dak li jirrigwarda il-kwistjoni ta’ domicilju fl-kuntest ta’ dan l-**artikolu** din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Rita Charker vs Charles Brincat”** (P.A. (A.M.) 30 ta’ Ottubru 1952) fejn inghad li l-effetti civili taz-zwieg huma regolati mill-ligi tad-domicilju tant li *“z-zwieg igib ‘ipso iure’ l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-mizzewgin fil-kaz li z-zwieg ikun sar f’dawn il-gzejjer bejn Maltin, u fil-kaz li jkun sar anki bejn persuni li ma’ humiex Maltin imma li jkunu domiciljati f’dawn il-gzejjer. F’kull kaz iehor il-prezunzjoni legali tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ma’ titwieledx “ipso iure”, jekk ma’ tkunx giet stipulata espressament”. “Fin-nuqqas ta’ kitba taz-zwieg, l-effetti civili taz-zwieg rigward il-proprjeta` bejn il-mizzewgin ghandhom jigu regolati fil-lok tad-domicilju matrimonjali”.*

Illi fil-kaz **“Llewellyn Abraham vs. Avukat Victor Borg Costanzi. LL.D. nomine”** (P.A. (T.G) 17 ta’ Marzu 1949 inghad illi: “*zwieg li jsir barra minn Malta bejn persuni li huma domiciljati f’pajjiz iehor, fejn ma hemmx ir-regim tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, ma jgibx bejn dawn il-mizzewgin il-komunjoni ta’ l-akkwisti ghal dawk il-beni li huma jkunu akkwistaw hawn Malta, jekk huma ma jkunux stabbilew ruhhom f’dawn il-gzejjer”.*

Illi din il-Qorti thoss l-**artikolu 1316 (2)** japplika ghal kull persuna li tizzewweg barra minn Malta, cittadina Maltija jew in kwantu tistabbilixxi d-domicilju taghha hawn Malta u dan ghall-proprjeta` li jakkwistaw wara li jigu joqghodu Malta u hawn il-Qorti qed taqbel ma’ dak li sostniet l-attrici fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha anke b’riferenza ghall-ahhar sentenza hawn citata li kienet titratta partijiet li ma kienux Maltin.

Illi ma hemm l-ebda dubju li bil-kuncett ta’ domicilju wiehed ifisser dak li gie spjegat fil-kawza fl-ismijiet **“Whicker vs Hume” (1858)** (7. H.L.C. 124 –160) fejn inghad is-segwenti:-

*“By domicile we mean home, the permanent home; and if you do not understand your permanent home I am afraid that no illustration drawn from foreign writers or foreign languages will very much help you to it”.*

Illi f'kazi bhal dan huwa wkoll stabilit fil-gurisprudenza nostrali li huwa l-oneru ta' l-attrici (**"Carmelo Grech vs Joseph Busuttil nomine"** – A.C. 1953) li tipprova li l-partijiet bidlu d-domicilju originali taghhom u assumew domicilju hawn Malta, b'dan li jigi affermat li dan il-kuncett ta' domicilju jinkorpora kemm l-element fattwali ta' residenza attwali, kif ukoll l-element intenzjonali – jew dak li jissejjah bhala l-*animus* u cjoe' l-intenzjoni li tghix permanentament jew ghal zmien mhux limitat f'pajjiz partikolari, residenza li ghalhekk ghandha tkun fissa u permanenti u mhux ghall-zmien limitat jew ghar-raguni partikolari, izda intenzjoni generali w indefinita fil-kontemplazzjoni ta' dik il-persuna ghall-futur taghha.

Illi f'dan il-kuntest l-ewwel rekwizit ta' residenza huwa element ta' fatt u sostanzjalment din tikkoncerna l-prova tar-residenza attwali; t-tieni element hija dik ta' l-intezjoni u jikkomprendi dak jissajjah l-*animus rimanendi* u *animus redeindi* u cjoe' mhux semplici l-intenzjoni li persuna tghix f'pajjiz partikolari, f'dan il-kaz kif qed tallega l-attrici, f'Malta, izda wkoll l-intenzjoni li dik il-persuna tghix (ghal dak odjern) hawn permanentament, bla ebda hjiel jew intenzjonament li tirritorna lejn il-pajjiz nattiv jew ta' origini tieghu jew taghha.

Illi dan kollu gie spjegat fid-decizjoni msemmija ta' **"Carmelo Grech vs il-P.L. Joseph Busuttil *noe*"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1953 – XXXVII.ii.397) fejn inghad illi *"mhux bizzejjed it-tibdil ta' residenza, izda hija mehtiega wkoll il-volonta` u l-intenzjoni li jigi abbandunat id-domicilju ta' origini biex jigi assunt domicilju f'pajjiz iehor b'mod li lanqas l-emigrant ma' jitlef d-domicilju tieghu, jekk huwa zamm il-hsieb li jerga' jirritorna f'pajjizna".*

Illi huwa f'dan il-kuntest li ghandha tigi ezaminata l-hames eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li ma tezisti l-ebda komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghaliex skond il-konvenut assenti l-istess partijiet ma humiex u qatt ma kienu domiciljati f'Malta.

Illi din il-Qorti ghalhekk trid tezamina l-provi prodotti fid-dawl ta’ dawn il-principjji kollha, u kif fuq spjegat, huwa l-oneru ta’ l-attrici li tipprova li ghalkemm il-partijiet izzewgu barra minn Malta, u huma ta’ cittadinanza mhux Maltija, huma stabbilew ir-residenza matrimonjali u d-domicilju taghhom hawn Malta, w allura f’dan il-kaz tapplika ghall-proprjeta` akkwistata minnhom wara li gew Malta, l-istituzzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi din il-Qorti thoss li dan l-oneru ta’ prova gie sodisfatt b’mod mill-aktar palez u sinifikanti mill-attrici u mill-ezami tal-provi kollha din il-Qorti thoss li sa miz-zwieg taghhom kienet l-intenzjoni taghhom li jistabbilixxu r-residenza taghhom hawn Malta, u dan anke qabel il-mument li l-konvenut akkwista l-proprjeta` mmobbli tieghu hawn Malta – minn dak inhar sallum l-istess partijiet dejjem ikkonsidraw dan il-pajjiz bhala d-dar taghhom - dak li l-inglizi jsejhu bhala *“home”* w ironikament l-ikbar prova ta’ dan giet moghtija mill-konvenut innifsu li fin-numru kbir ta’ ittri li huwa kiteb lill-martu waqt li kien jahdem il-Libja huwa dejjem irrefera ghad-dar li kien xtara bhala *“home”.* Fil-fatt fin-numru kbir ta’ ittri esebiti ma hemm l-ebda dubju li dik li xtara f’Malta kienet l-unika proprjeta` li l-istess konvenut ikkonsidraha bhala d-dar tieghu u dan jesprimih car u tond lill-attrici diversi drabi fl-ittri tieghu lilha stess; mhux hekk biss izda jidher car li l-istess koppja qatt ma kkonsidrat fil-verita` l-istess dar bhala biss targa ghaliex vicin il-pajjiz fejn attwalment jahdem il-konvenut, izda hafna iktar minn hekk tant li kull parti ghandha cirklu ta’ hbieb, inkluz ghall-konvenut il-kuratur deputat innifsu u l-familja tieghu, li dejjem harrsu u kkonsidraw lill-partijiet bhala persuni residenti u stabbiliti bhala permanenza ta’ dar hawn Malta – u jidher li l-istess koppja kienet individwalment ma’ l-ambjent fejn kienet qed tghix hawn Malta u ma l-ebda pajjiz iehor.

Illi fil-fatt minkejja li l-konvenut, ftahar bir-ragun, li huwa ghandu ntrojtu konsiderevoli, u minkejja l-fatt li anke investa flusu f’denominazzjonijiet ohra mhux Maltin, tramite banek lokali, l-unika proprjeta` mmobbli li fil-fatt jippossedi hija proprju dik li xtara hawn Malta fit-23 ta’ Lulju 1990, cjoe` xahar biss wara li huwa zzewweg lill-

attrici fl-14 ta' Gunju 1990 u fl-applikazzjoni ghall-istess permess fl-*AIP permit* huwa jiddikjara li akkwista l-istess proprjeta` bhala residenza ghalih u ghall-familja tieghu. F'dan id-dokument ufficjali esebit a fol. 232 tal-process huwa jghid sa mit-8 ta' Marzu 1990 li huwa kien ser jixtri l-proprjeta`:-

*"As residence for myself and my family".*

Illi fil-fatt apparti li jahdem il-Libja, l-istess partijiet dejjem ghexu hawn Malta hlief ghal xi vaganza li hadu, jew inkellha siefru sabiex jippruvaw ikollhom it-tfal b'*invitro fertilisation*, jew sabiex jippruvaw jaddottaw, u fil-fatt dwar dan l-ahhar aspett wiehed ihares lejn ir-rapport tas-*social worker* datat 28 ta' Frar 1996 fejn jidher car li l-istess koppja kkonsidrat ruhha bhala permanentament residenti hawn Malta u ppruvat f'dak iz-zmien tadotta tarbija jew tfal mir-Rumanija skond il-ligi u l-procedura Maltija. Fl-istess rapport hemm spjegat li l-istess koppja hija ben stabbli hawn Malta anke mal-girien taghha, tant li addirittura l-konvenut jitkellem ukoll bil-Malti u fl-evalwazzjoni li l-istess *social worker* ghamlet ta' l-imsemmija proprjeta` fejn il-koppja kienet tghix hemm ukoll li l-istess koppja, la darba tkun adottat kienet tikkonsidra wkoll il-possibilta` li tkabbar l-istess residenza taghha sabiex tikkomoda l-istess minuri u fir-rapport huwa car li l-unika residenza li l-istess koppja kkonsidrat bhala taghhom u fejn setghu irabbu lit-tfal jekk jaddottaw kienet biss Malta u l-ebda pajjiz iehor.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa kkonsidra biss dan il-pajjiz bhala post transitorju u xejn izjed, izda biss bhala konvenjenti ghalih ghaliex kien jahdem il-Libja ma hijiex konvincenti ghaliex jidher car li dan il-pajjiz ghall-konvenut innifsu kien hafna iktar minnhekk; fuq kollox anke qabel izzewweg u xtara l-proprjeta` hawn Malta huwa gja kellu konnessjonijiet ma' Malta meta kien tifel; meta kiber kien reggha gie Malta, kien f'Malta meta iltaqa' ma' l-attrici, kien f'Malta li ghex maghha, minkejja li hija ma' hijiex Maltija, anke qabel ma' zzewweg, u mmedjatament meta zzewweg fl-Ingilterra, huwa mill-ewwel xtara proprjeta` hawn Malta, u fl-Ingilterra baqa' ma xtara l-ebda proprjeta`; fil-fatt ma xtara

l-ebda proprjeta` hlief hawn Malta u jidher li minn dak kollu li ghamel u kif ghex li l-unika intenzjoni tieghu kienet li jistabbilixxi lill-Malta bhala d-domicilju tieghu u fil-fatt Malta kienet l-unika pajjiz fejn huwa attwalment stabbilixxa r-residenza tieghu; s-sitwazzjoni li ghadha hekk sallum stess, u dan minkejja l-fatt li huwa ma' applikax sabiex isir cittadin Malti; pero` jidher car li dan ovvjament ghamlu ghall-skopijiet ohra bhal ta' hlas ta' taxxa u beneficcji ohra li huwa setgha jiehu mill-fatt li huwa kien jahdem il-Libja. Apparti dan l-introjtu tieghu mill-Libja kien jghaddi kwazi dejjem tramite banek Maltin u mhux biss izda fi prokura datata 27 ta' Dicembru 1996 huwa jghid li huwa residenti Malta u tali prokura hija ffirmata minnu w attestata minn Dr. Peter Caruana Galizia bhala xhud tal-firma (Dok. “DIV 5”).

Illi apparti minn dan jidher li l-attrici bl-inkoraggiment tal-konvenut hadet l-intrigu sabiex tirrendi l-istess proprjeta` abitabbli u dan peress li l-konvenut kien qed jahdem barra minn Malta u wkoll l-ghamara kollha li hija kellha barra minn Malta giet trasportata lejn Malta, proprju ghaliex jidher car li hemm qbil li l-istess koppja kellha tghix hawn Malta u jidher li ghalkemm illum l-istess koppja ilha fattwalment separata, l-hajja taghhom hija koncentrata ma' dan il-pajjiz, hlief ghax-xoghol tal-konvenut li huwa l-Libja. Apparti dan illum l-istess attrici ghandha relazzjoni ma persuna ohra hawn Malta u tahdem hawn Malta u ma hemm l-ebda dubju li l-istess attrici qatghet kull legami ma' pajjiza mill-mument li giet tghix hawn Malta; jidher li l-konvenut ghandu l-istess gibda lejn dan il-pajjiz li konsistentement bil-kitba tieghu jirreferi ghalih bhala *home,* fejn jidher li huwa integrat sew fis-socjeta` Maltija, anke fl-element socjali taghha, u huwa wkoll min-naha tieghu ghandu xibka wiesgha ta' hbieb tieghu, inkluz girien, u huwa kien membru ta' diversi ghaqdiet. Ghar-ragunijiet ohra li jkomplu jikkonfermaw din it-tezi din il-Qorti tirreferi ghan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attrici li hija studjata u ezawrjenti tassew, inkluz ghall-kwotazzjonijiet hemm indikati mill-ittri ta' l-istess konvenut.

Illi ghalkemm fi stat relattivament bikri f'din il-kawza u fuq kwistjonijiet ta' gurisdizzjoni, din il-Qorti thoss li s-

sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell f’din il-kawza, datata 8 ta’ Jannar 2003 ukoll indikat il-konnessjoni ovvja li l-partijiet ghandhom ma’ Malta, li skond l-istess sentenza jmur ferm oltre minn dak ta’ semplici presenza f’dan il-pajjiz u fil-fatt l-istess Onorabbli Qorti qalet li *“l-konnessjoni evidenti tal-konvenut proprio ma’ Malta kienet tmur ferm ‘il hinn minn semplici ness kazwali kif huwa ried jaghti l-Qorti x’tifhem. Il-provi juru li ghalkemm huwa minnu li l-appellant proprju mhux Malti u jahdem il-Libja, ilu jiffrekwenta regoralment Malta sa mill-inqas mis-sena 1988……...”* L-istess Onorabbli Qorti rreferiet ghall-fatt li l-konvenut kellu relazzjoni ohra ma’ mara ohra Maltija qabel dik ma’ l-attrici, kellu relazzjoni ma’ l-attrici hawn Malta, ghazel lil Malta sabiex ikompli jkollu relazzjoni ma’ l-attrici, anke ghalkemm l-attrici ma kienitx Maltija, u l-unika konnessjoni li hija kellha ma’ dan il-pajjiz kienet li kellha relazzjoni mal-konvenut, xtara proprjeta` hawn Malta, ghazel li joqghod hawn Malta minkejja li zzewweg l-Ingilterra, tant li l-istess sentenza kkomentat hekk:-

*“Meta l-konvenut proprju ddecieda li jistabbilixxi relazzjoni ma’ l-attrici, futura mara tieghu, huwa ghazel Malta biex jiltaqghu, u dan fl-1989. Wara li zzewgu fis-sena 1990 fl-Ingilterra, il-konvenut proprio rritorna Malta fejn akkwista b’xiri dar fejn hu u martu marru joqghodu. Fi kliem iehor, din id-dar ghalihom kienet id-dar matrimonjali. Ovvjament billi l-konvenut proprio kien impjegat gewwa l-Libja, huwa ma’ setax joqghod il-hin kollu f’Malta. Imma l-Libja kien imur* <u>*biss*</u> *ghal fini ta’ xoghol u meta kien ikun fil-perjodu ta’ serhan jew btala kien jirritorna hdejn martu fid-dar matrimonjali, jigifieri fil-fond numru sebgha (7), Busewdien Road, Wardija … … … din il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi kollha kompriz ukoll il-fatt li l-attrici martu kienet tirresjedi f’din id-dar, hija konvinta li l-istess dar tirraprezenta xi haga ferma aktar ghall-konjugi minn semplici “holiday home”. Dan kollu l-Qorti tikkonstatah per ezempju mill-fatt li, wara z-zwieg, u meta l-koppja Harvey irriskontraw diffikulatijiet fizici biex ikollhom ulied, ghamlu l-hsieb li minn Malta jinizjaw proceduri biex possibilment jaddottaw tarbija jew wild mir-Rumanija … … … .Biex jghixu gewwa Malta, minbarra x-xiri ta’ l-immobbli, il-konvenut proprio inoltre kien jaghmel uzu mis-salarju*

*tieghu li kien jippercepixxi mill-Libja u dan tramite is-servizzi ta' banek Maltin….".*

Illi dan kollu huwa kkonfermat mill-hafna iktar provi u dokumenti li din il-Qorti kellha l-opportunita` li tara sabiex tiddeciedi mhux izjed fuq il-kwistjoni ta' gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, izda fuq ir-regim li kellu japplika ghall-proprjeta` akkwista hawn Malta mill-koppja wara li gew hawn Malta, u din il-Qorti thoss li bla ebda dubju ta' xejn l-istess koppja kienet mhux biss residenti hawn Malta, izda kienet ghazlet sabiex b'mod permanenti tistabbilixxi r-residenza taghha matrimonjali hawn Malta u li huma jghixu bhala familja hawn Malta, wahedhom jew bi tfal, kemm jekk naturali kemm jekk adottati, u ma hemm l-ebda dubju li abbazi tal-provi kollha prodotti l-istess koppja bhala fatt stabbilit ir-residenza matrimonjali taghha hawn Malta u wkoll kellhom dejjem l-intenzjoni li jghixu hawn Malta b'mod permanenti, u din is-sitwazzjoni tinsab ikkonfermata anke llum, fejn din il-Qorti thoss li d-domicilju ta' l-istess partijiet anke llum huwa hawn Malta u ghalhekk tapplika ghall-proprjeta` akkwistata wara li l-istess koppja stabbilew ruhhom hawn Malta l-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi ghalhekk l-fond 7, Busewdien Road, Wardija limiti ta' San Pawl il-Bahar huwa formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u l-istess fond stmat skond l-istima indikata mill-Perit Arkitett Mario Cassar innominat mill-Qorti fl-ammont ta' mija u hmistax-il elf lira Maltija (Lm115,000) ghandu jigi mibjugh in subbasta u mir-rikavat ghandhom l-ewwel jithallsu l-kontijiet pendenti ghas-servizzi ta' l-istess dar bhal dawl u ilma li jirreferu ghall-perjodu sa Gunju 1998, u il-bilanc jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Kull kont iehor dwar l-istess servizzi ghall-perjodu wara Gunju 1998 ghandu jithallas mill-konvenut.

Illi l-konvenut qed jigi assenjat il-*boat*, u wkoll il-karozza intestata f'ismu filwaqt li l-attrici qed tigi assenjata l-karozza intestata f'isimha tal-marka Mazda Reg. No. LAD – 607 u mill-bqija kull parti ghandha zzomm l-oggetti mobbli li ghandha attwalment fil-pussess taghha.

Illi l-kontijiet bankarji ndikati fil-paragrafu 4 ta' l-affidavit attrici datat 11 ta' Gunju 2003 u kull kont bankarju li kien miftuh sas-sena Gunju 1998 ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, sew jekk tali kontijiet bankarji kienu f'isem l-attrici, f'isem il-konvenut, jew f'isem taz-zewg partijiet. Kull kont bankarju jew investiment ta' liema xorta huwa li infetah wara dik id-data, ghandu jibqa' jappartjeni esklussivament f'isem min kien intestat, u jekk hemm xi kont, lokali jew esteru li huwa f'isem iz-zewg partijiet miftuh wara tali data, dak il-kont hekk *joint* ghandu jinqasam bejn il-partijiet.

Illi l-ghamara kollha tad-dar ghandha tibqa' proprjeta` ta' l-attrici *stante* li jirrizulta pruvat li fil-*gran parte* din kienet proprjeta` parafernali taghha.

Illi l-istess attrici jidher li kellha bhala proprjeta` parafernali taghha l-ammont ta' circa tlettax-il elf, sebgha mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm13,762), u meta telqet mid-dar l-attrici hadet l-ammont ta' ghaxar t'elef u tlett mitt lira Maltin (Lm10,300) u *in vista* tal-fatt li l-istess attrici hadet ukoll l-ghamara kollha, anke dik tal-komunjoni li kien hemm fl-istess dar din il-Qorti thoss li kull ammont li setgha kien dovut lilha gie b'dan il-mod saldat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma dak fuq deciz, filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba u tichad il-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici limitatament biss ghal dak hawn deciz,** b'dan illi:-

1) Tiddikjara li llum iz-zwieg bejn il-partijiet ma ghadux jezisti peress li l-partijiet iddivorzjaw permezz ta' digriet jew decizjoni datata 17 ta' Frar 2005 moghtija mill-Qorti Ingliza u fuq riferita izda jinghand li kwantu jirrigwarda din il-kawza kien hemm lok ghal ppronunzjament ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet *stante* li z-zwieg

tfarrak b'mod irrimedjabbli u dan b'tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif fuq indikat.

2) Tiddikjara li l-istess attrici rrinunzjat ghal din it-talba, pero` fi kwalunkwe kaz din il-Qorti thoss li kull parti tilfet kull dritt ta' manteniment anke bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra z-zewg partijiet f'dak li jirrigwarda anke manteniment.

3) Tilqa' din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'dan illi ghall-fini ta' divizjoni w assenjazzjoni ta' l-istess tordna li l-fond 7, Busewdien Road, Wardija limiti ta' San Pawl il-Bahar, li huwa formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, u stmat kif fuq indikat mill-Perit Tekniku Mario Cassar ghandu jigi mibjugh in subbasta u mir-rikavat ghandhom l-ewwel jithallsu l-kontijiet pendenti ghas-servizzi ta' l-istess dar bhal dawl u ilma li jirreferu ghall-perjodu sa' Gunju 1998, u l-bilanc ta' l-istess rikavat ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Kull kont iehor dwar l-istess servizzi ghall-perjodu wara Gunju 1998 ghandu jithallas mill-konvenut.

Illi l-konvenut qed jigi assenjat il-*boat,* u wkoll il-karozza intestata f'ismu filwaqt li l-attrici qed tigi assenjata l-karozza intestata f'isimha tal-marka Mazda Reg. No. LAD – 607 u mill-bqija kull parti ghandha zzomm l-oggetti mobbli li ghandha attwalment fil-pussess taghha.

Illi kontijiet bankarji ndikati fil-paragrafu 4 ta' l-affidavit attrici datat 11 ta' Gunju 2003 u kull kont bankarju li kien miftuh sas-sena Gunju 1998 ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, sew jekk tali kontijiet bankarji kienu f'isem l-attrici, f'isem il-konvenut, jew f'isem taz-zewg partijiet. Kull kont bankarju jew investiment ta' liema xorta huwa li nfetah wara dik id-data ghandu jibqa' jappartjeni esklussivament f'isem min kien intestat, u jekk hemm xi kont, lokali jew esteru li huwa f'isem iz-zewg partijiet miftuh wara tali data, dak il-kont hekk *joint* ghandu jinqasam bejn il-partijiet.

Illi l-ghamara kollha tad-dar li tinsab fil-pussess ta’ l-attrici ghandha tibqa’ proprjeta` ta’ l-attrici *stante* li jirrizulta pruvat li fil-*gran parte* din kienet proprjeta` parafernali taghha u dan apparti dak fuq premess u deciz li qed jigi hawn ikkonfermat.

4) Tapplika kontra z-zewg partijiet l-**artikolu 48 tal-Kap 16** u dan b’effett minn Gunju 1998.

5) Tichad il-hames talba *stante* li mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------